MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-04 ta' April, 2018

Rikors Maħluf Numru 110/18LM

**Melita Power Diesel Limited (C23376)**

***vs.***

**Bastiment "Indian Empress" bin-numru tal-IMO 1006245**

**Il-Qorti,**

Permezz ta' din il-kawża li ġiet ippreżentata fit-12 ta' Frar, 2018, is-soċjetà attriċi **Melita Power Diesel Limited** (C23376) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") qiegħda titlob għar-raġunijiet dedotti fir-Rikors Maħluf tagħha li:

1. *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12;*

2. *Tiddikjara l-bastiment konvenut "Indian Empress" bin-numru tal-IMO 1006245 debitur tas-soċjetà attriċi Melita Power Diesel Limited fl-ammont ta' €651,399.77 (sitt mija wieħed u ħamsin elf, tliet mija disgħa u disgħin Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, rappreżentanti bilanċ minn somma akbar spejjeż ta' servizzi u provvisti reżi u kkonsenjati lill-bastiment konvenut;*

3. *Tikkundanna lill-bastiment konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' €651,399.77 (sitt mija wieħed u ħamsin elf, tliet mija disgħa u disgħin Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inklużi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar ta' 'l fuq minn għaxar metri bin-numru 1741/2017, akkordat fid-09 ta' Diċembru, 2017 kontra l-bastiment konvenut li hu minn issa inġunt sabiex jidher in subizzjoni.*

Din il-kawża hija dwar provvisti kkonsenjati u servizzi reżi mis-soċjetà attriċi lill-bastiment konvenut "Indian Empress" bin-numru tal-IMO 1006245 fis-somma ta' €651,399.77, bilanċ minn somma akbar, bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' ammissjoni ppreżentata *seduta stante* mill-bastiment konvenut waqt l-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2018 li permezz tagħha il-bastiment konvenut aderixxa ruħu għat-talba tas-soċjetà attriċi.

**Decide**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attrici:**

1. **Tiddikjara l-bastiment konvenut "Indian Empress" bin-numru tal-IMO 1006245 debitur tas-soċjetà attriċi Melita Power Diesel Limited fl-ammont ta' €651,399.77 (sitt mija wieħed u ħamsin elf, tliet mija disgħa u disgħin Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, rappreżentanti bilanċ minn somma akbar spejjeż ta' servizzi u provvisti reżi u kkonsenjati lill-bastiment konvenut; u**

2. **Tikkundanna lill-bastiment konvenut "Indian Empress" bin-numru tal-IMO 1006245 iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €651,399.77 (sitt mija wieħed u ħamsin elf, tliet mija disgħa u disgħin Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.**

Bl-ispejjeż kontra l-bastiment konvenut.

Moqrija.